# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 1169/97

Anthony Schembri

vs

Id-Direttur Generali (Management and Personnel Office, Ufficcju tal-Prim Ministru)

Illum 10 ta' Jannar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta tat-8 ta' Jannar, 1993, b'ittra iffirmata minn J. Curmi, Direttur fil-*Management and Personnel Office* ta' l-Ufficcju tal-Prim Ministru (Referenza: OPM/144/87/III/60 u 743) bhala ufficcjal fis-servizz pubbliku, ir-rikorrent garrab ingustizzja billi

gie michud minn promozzjoni retroattiva bil-konsegwenzi kollha li gabet maghha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Fit-30 ta' Novembru, 1987 b'mezz ta' ittra ffirmata mir-rikorrent u mibghuta lis-Segretarju, Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji (Ref: PF/E/007948), li sussegwentament ammenda bil-kontenut ta' ittra ohra datata 28 t'Awwissu, 1991 (Ref: PF/E/007948 - Avviz Nru. D743) moqrija minnu taht gurament lill-Bord tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji waqt is-smiegh tal-kaz tieghu, hu kien ressaq ilment dwar ingustizzja li saret mieghu konnessa ma' promozzjoni fis-Servizz Pubbliku. Fis-7 t'Ottubru, 1991 b'ittra (Ref:743) ffirmata minn J.G.Tabone Adami, Segretarju fl-Ufficcju tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji r-rikorrent gie nfurmat li l-"Kummissjoni sabet li dan l-ilment hu gustifikat" u li "rapport f'dan is-sens, flimkien ma rakkomandazzjonijiet relattivi, ntbaghat lill-Onor. Prim Ministru skond kif mitlub mill-ligi". B'ittra mill-Ufficcju tal-Prim Ministru (Ref: OPM/144/87/III/60 u 743) li ggib id-data 29 ta' Jannar, 1992 u ffirmata minn A. Fiorini Lowell, Kap I fil-*Management and Personnel Office*, ir-rikorrent gie nfurmat li l-Prim Ministru ra r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-ilment tieghu u "accetta d-decizjoni tal-Kummissjoni" u li kienu qed jittiehdu l-passi mehtiega biex l-istess rakkomandazzjoni tigi implimentata. Gara izda, li bl-ittra hawn fuq imsemmija tat-8 ta' Jannar, 1993 ukoll mill-*Management and Personnel Office*, Ufficcju tal-Prim Ministru

(Ref: OPM/144/87/III/60 u 743) ffirmata minn J. Curmi, Direttur, ir-rikorrent gie nfurmat li l-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku qatatha li kien f'postu fis-senjorita', bil-konsegwenza li gie michud minn dak kollu li kienet irrakkomandat il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Hawn ir-rikorrent irid li jkun car li bl-ebda mod m' hu qieghed jitlob xi revizjoni fl-investigazzjonijiet li gja ghamlet il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Hu konvint li qabel ma kkommettiet ruhha b' decizjoni finali, din il-Kummissjoni ghamlet investigazzjoni kompleta u ddettaljata kull fejn kellu x'jaqsam mal-kaz tieghu, sew fejn jinteressa lilu kif ukoll fejn hu ta' interess ghall-Gvern.

Illi huwa biex isostni l-ilment tieghu  ssottometta d-dokumenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunbal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi d-decizjoni moghtija mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji tigi mplimentata bil-konsegwenzi kollha taghha inkluzi hlas dovut lilu ta' arretrati f'salarji, fil-*gratuity* u fil-pensjoni kif ukoll revizjoni ta' l-istess pensjoni billi r-rikorrent issa huwa rtirat, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas lilu kumpens f'ammont ta' Lm.5,000.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali (MPO) li eccepixxa illi l-intimat ma hux il-legittimu kontradittur ta' dan l-ilment.

Illi, minghajr pregudizzju ghal fuq espost, ghandu jinghad is-segwenti:

1. Illi stante li dwar il-kaz tar-rikorrent diga saret investigazzjoni mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, dan l-ilment jaqa' barra s-setghat ta' dan it-Tribunal fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

2. Illi ghad li huwa minnu li l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji kienet sabet l-ilment gustifikat u l-Prim Ministru kien accetta din id-decizjoni, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet irrakkommandat illi d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji kellha tkun limitata fis-sens illi dawk li kienu *Store Officer I* bhar-rikorrent, kellhom jigu mqieghda fil-lista tal-*Executive Officers* wara l-ahhar *Higher Clerical Officer* li dahal fl-istess grad.

3. Illi l-*placing* tar-rikorrent fil-lista ta' l-anzjanita` fis-Servizz Pubbliku fil-fatt kien skond l-istess rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Illi fid-29 ta’ Jannar 1992 l-Ufficcju tal-Prim Ministru nfurmah li l-Onor. Prim Ministru ra r-rapport tal-Kummissjoni u accetta d-decizjoni tal-Kummissjoni kif kienet komunikata lilu mis-Segretarju ta’ l-istess Kummissjoni u kompliet tghid “Il-passi mehtiega qed jittiehdu biex din ir-rakomandazzjoni tigi implimentata.” Intbaghatitlu kopja ta’ silta mir-rapport mibghut lill-Onor. Prim Ministru. Izda hu gie michud minn dan ir-rimedju.

Meta xehed fit-13 ta” Lulju 2000 semma li d-decizjoni tal-Kummissjoni fil-konfront tieghu ma kenitx giet implimentata. Hu rtira fl-20 ta` Awissu 1996 fil-grad ta` Principal Skala 9. L-ilment tieghu kien bazat fuq il-pozizzjoni tieghu fis-seniority u l-effetti konsegwenti. Kieku d-decizjoni tal-Kummissjoni giet implimenatta kien jispicca Grad 7. Bil-konsegwenza tal-fatt li ma kenitx giet implimentata d-decizjoni r-rikorrent tilef numru ta` promotions ghax is-seniority kienet tapplika favuru.

Vincent Piccinino Assistant Direttur MPO ikkonferma bil-gurament li tmien A.O.' s, kollha ex-Store Officers 1, ilmentaw li meta dahlu fil-General Service bhala rizultat tar-re-organisation agreement tal-1974 ma nghathux is-seniority korretta. Il-Kummissjoni iddecidiet favur u rrakkomandat li:

a) b' effett mill-1 ta' Frar 1974 ghandhom jitqiesu li gew assimilati fil-General Service Grades fuq bazi tad-data tal-hatra fil-grad li kellhom ta' Store Officer
b) kull promozzjoni li kienu eligibbli ghaliha fuq bazi ta' seniority ghandha tinghatalhom b' effett mid-data li kienu jehduha kieku gew assimilati mill-ewwel b' dan il-mod; u,
c) Jithallsu l-arretrati tad-differenza fis-salarju mill-1 ta' Ottubru 1987 'il hawn.

Vince Piccinino zied li l-PSC dahlet fil-fond f' dan il-kaz, u qalet li ex-Store Grades ma kienux fil-General Service u li l-implimetazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni kellha tkun limitata. B' hekk id-decizjoni tal-Kummissjoni regghet giet iccekkjata mill-MPO.

**KONKLUZJONIJIET:**

L-intimat eccepixxa li hu mhux il-legittimu kontradittur ta' dan l-ilment. Izda f' ebda stadju fil-kawza ma ta r-ragunijiet ghal din l-eccezzjoni. Dan it-Tribunal wara li wizen it-talba u l-eccezzjonijiet, depozizzjonijiet moghtija u dokumenti esebiti jhoss li l-ilment gie ntavolat kif suppost ghax kien propju l-Management and Personnel Office li ma mplimentax id-decizjoni

tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Ghal dawn il-motivi jichad din l-ewwel eccezzjoni.

Dwar it-tieni eccezzjoni u cioe` li l-kaz tar-rikorrent gja saret investigazzjoni fuqu mill-Kummissjoni u li ghalhekk dan l-ilment jaqa' barra s-setghat tat-Tribunal, dan il-punt gja gie deciz diversi drabi fis-sens li mhux qieghed jigi deciz l-istess ilment izda li dak li qieghed jigi deciz mit-Tribunal fil-kawza odjerna huwa n-nuqqas tal-implimentazzjoni tad-decizjoni tal-Kummissjoni liema nuqqas tal-implimentazzjoni jammonta fih innifsu ghal kaz gdid ta' ingustizzja. Ghaldaqstant jichad din it-tieni eccezzjoni.

Dwar il-mertu dan it-Tribunal dejjem ha l-linja li jassumi li d-decizjonijiet tal-Qrati u tal-Kummissjoni ghandhom jitqiesu bhala validi u dan sakemm ma jirrizultax xi zball lampanti dwarhom. F' dan il-kaz ma jista' jsib xejn x' jiccensura fid-decizjoni tal-Kummissjoni u ghalhekk ghandu l-obbligu li jqis tali decizjoni bhala wahda valida. Infatti l-istess Prim Ministru kien hass ukoll li ghandu jimplimenta tali rakkomandazzjoni u dan kif jirrizulta mill-ittra tad-29 ta' Jannar 1992 esebita a fol 8 tal-process. Il-fatt li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hasset li m' ghandhiex timplimenta din id-decizjoni fil-fehema tat-Tribunal ma hix raguni valida ghax tali decizjoni tkun qeghedha tistabbilixxi lill-imsemmija Kummissjoni fuq il-Qrati haga li certament m' ghandhiex tkun. Ghal dawn il-motivi jichad ukoll l-eccezzjoni fuq il-mertu.

Jibqa’ biss li wiehed jistabbilixxi r-rimedju gust. F’ dan il-kaz naturalment it-Tribunal ma jistax jaghti hlief rimedju finanzjarju. F’ dan il-kaz jirrizulta li r-rikorrent gja bbenefika mill-ghoti ta’ pagament ex-gratia ta’ LM3651. It-Tribunal ihoss li r-rikorrent ghalhekk ghandu jinghata s-somma ta’ Lm1500 ohra.

Spejjez kontra l-intimat.